MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2010

Appell Kriminali Numru. 224/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Mario Buttigieg)**
**Vs**
**Ramon Sant Hill**

**Illum, 25 ta' Marzu, 2010**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-28 t'Awwissu 2001, ghall-habta ta' 00.30 hrs fi Triq tat-Tromba, Marsa,
1. saq mutur numru FAL-237 minghajr ma kien licenzjat mill-Pulizija biex tintuza fit-triq (licenzja mhux imgedda);
2. saq l-imsemmi mutur FAL-237 minghajr ma kien kopert b'polza tas-sigurta' dwar ir-riskji tat-terzi persuni;
3. naqas li jwahhal il-licenzja ta' l-istess mutur mal-handle bar;

4. naqas li jzomm il-licenzja tal-mutur il-hin kollu b'dak il-mod li dak li fiha jkun jista' jinqara bil-heffa;
5. saq l-imsemmi mutur FAL-237 b'manjiera traskurata;
6. u b'manjiera bla kont;
7. saq l-istess mutur b'giri aktar milli jmissu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-18 ta' Gunju, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 15(1)(a)(3), 18(2) tal-Kap. 65, l-artikolu 3(1) tal-Kap. 104, MVR 28, 123, 127 Legal Notice 128/94, u fuq ammissjoni tal-appellant sabet lill-appellant hati tal-akkuzi kollha kif dedotti w ikkundannatu multa ta' €550. Oltre dan ordnat skwalifika tal-licenzji tas-sewqan ghal perjodu ta' sena.
A tenur tal-artikolu 14(2) tal-Kap. 9, il-Qorti akkordat zmien sena sabiex ihallas din l-istess multa.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-1 ta' Lulju, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata billi tiddikjara l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu bhala preskritti w konsegwentement tilliberah minn kull htija w piena skond il-ligi jew sussidjarjament billi tiddikjara li l-appellant sofra nuqqas ta' smigh xieraq fi zmien ragjonevoli u konsegwentement taghti r-rimedju opportun, anke billi tannulla l-proceduri kriminali mehuda fil-konfront tieghu.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant, fil-qosor, huwa illi kif jidher mill-fatti u kif ghandu jidher mill-atti tal-kawza, l-appellant gie notifikat bl-akkuza odjerna qabel l-20 ta' Novembru, 2001 meta l-artikolu 687 tal-Kodici Kriminali (li jittratta dwar il-preskrizzjoni) kien jikkonsisti f'paragrafu wiehed biss u kien jaqra hekk :
*"Id-decizjonijiet li bihom tinghata kundanna ma jaqghux bil-preskrizzjoni f'ebda zmien"*

Sussegwentement permezz tal-artikolu 156 tal-Att III tas-sena 2002 fl-imsemmi artikolu zdied is-subparagrafu (2) fejn gie stipulat is-segwenti :
*"Iz-zmien ta' preskrizzjoni ghar-rigward ta' kull reat kriminali ghandu jkun sospiz mill-waqt li imputazzjoni u/jew att ta' akkuza jigu notifikati lill-persuna akkuzata jew imputata sa dak iz-zmien meta tinghata sentenza finali u definittiva fil-procedimenti li jkunu inbdew bhala rizultat ta' dik l-imputazzjoni".*
Dan is-subparagrafu dahal fis-sehh fl-1 ta' Mejju, 2002 permezz tal-Avviz Legali 94 tas-sena 2002 (vide kopja ta' dan l-Avviz Legali hawn anness).

Illi s-subparagrafu appena citat u ntrodott fis-sena 2002 ma jirriferix ghal differimenti ta' kawza izda ghan-notifika lill-imputat bl-akkuza w ma jikkontempla ebda retroattivita' dwar akkuzi li kienu gja notifikati dak iz-zmien u li kienu ghadhom pendenti. Ghalhekk galadarba l-appellant kien gie notifikat bl-akkuza fis-sena 2001, il-proceduri tal-kaz odjern baqghu soggetti ghall-preskrizzjoni normali applikabbli ghar-reati u imputazzjonijiet u l-prosekuzzjoni kienet obbligata li ma thallix il-perjodu preskrittiv jiddekorri bejn differiment u iehor, Kif pero' jirrizulta mill-atti, il-kaz odjern gie differit *sine die* fil-5 ta' Frar, 2003, u ma regghax gie appuntat qabel is-7 t'Ottubru, 2008.
Issa l-imputazzjonijiet odjerni huma kontemplati fil-Kap 65 (l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku) u l-Kap. 104 (l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur ghar-Riskji ta' Terzi Persuni). Skond il-Kap. 65, il-massimu tal-piena kontemplata ghall-imputazzjonijiet odjerni hija multa w/jew sitt (6) xhur prigunerija w ghalhekk il-preskrizzjoni applikabbli skond l-artikolu 688(e) tal-Kodici Kriminali hija dik ta' sentejn. Inkwantu ghal Kap. 104, il-massimu tal-piena applikabbli ghal kaz hija multa w/jew tlett (3) xhur prigunerija w ghalhekk jew japplika l-appena imsemmi artikolu 688(e) tal-Kap. 9 jew addirittura japplika l-perjodu preskrittiv ta' massimu ta' sena stipulat fl-artikolu 3(3)(a) jew (b) tal-istess Kap. 104. Konsegwentement l-appellant jissottometti li bin-nuqqas ta' notifika lilu tad-differiment tal-kawza ghal oltre hames (5) snin bejn is-snin 2003 u 2008, l-imputazzjonijiet odjerni

gew preskritti w huwa messu gie liberat mill-imputazzjonijiet kollha.
Illi sussidjarjament u bla pregudizzju, l-appellant jilmenta mill-fatt li hu safa vittma ta’ ksur tad-drittijiet fondamentali tieghu li jkollu smigh xieraq tal-kawza tieghu billi tali smigh ma sarx fi zmien ragjonevoli. Illum, tmien (8) snin wara li gara l-kaz meritu ta’ dan l-appell, apparti l-fatt ta’ fedina penali nettissima tal-appellant, l-appellant ghandu impjieg fiss u regolari mal-Korporazzjoni Enemalta w bhala *Distribution Tradesman*, parti essenzjali mill-impjieg tieghu huwa dak li jsuq minn post ghal iehor kif jista’ jigi muri mill-*Job description* li l-appellant lest li jipprezenta fl-atti tal-kawza. Ghalhekk li kieku l-kawza tieghu giet deciza sommarjament kif tipprevedi l-ligi, l-iskwalifika mill-licenzji tieghu tas-sewqan ma kienitx tirrekalu l-pregudizzju li llum jista’ jsofri bil-potenzjal reali ta’ telfien ta’ impjieg.

Ikkunsidrat :

L-ilment tal-appellant hu bbazat fuq il-fatt illi minkejja illi quddiem l-Ewwel Qorti kien ammetta l-akkuzi tieghu waqt is-seduta tat-18 ta’ Gunju 2009, dawn l-akkuzi kienu jinsabu preskritti u kwindi l-Ewwel Qorti kellha tiskarta dik l-ammissjoni w tordna l-liberazzjoni tal-appellant.

Irrizulta mill-provi illi fil-lejl ta’ bejn is-27 u t-28 t’Awissu 2001 l-appellant twaqqaf mill-Pulizija waqt li kien qed isuq il-mutur tieghu. Il-Pulizija deherilha illi l-appellant kien qed jikser diversi regolamenti tat-traffiku w resquh il-Qorti sabiex iwiegeb ghall-akkuzi kif jidhru fil-bidu ta’ dan il-gudikat.

L-appellant kien notifikat biex jidher quddiem il-Qorti qabel l-20 ta’ Novembru, 2001, li kienet l-ewwel darba illi deher quddiem il-Qorti. Ghal xi raguni l-kawza bdiet tigi differita minn data ghall-ohra sal-5 ta’ Frar, 2003 fejn giet differita *“Sine Die”.* Damet hekk hames snin u seba’ xhur, sakemm umbaghad rega’ gie notifikat biex jidher fis-7 t’Ottubru 2008 u sussegwentement il-kawza giet deciza, wara ammissjoni tal-appellant, fit-18 ta’ Gunju, 2009.

L-appellant qieghed jargumenta illi f'dak il-perjodu ta' hames snin u seba' xhur l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu gew preskritti dana l-ghaliex l-artikolu 156 tal-Att III tat-2002 li gie fis-sehh fl-1 ta' Mejju, 2002 (A.L. 94/2002) ma kellux japplika ghar-reati kontemplati fil-konfront tal-appellant peress illi dawn ir-reati saru fit-2001.

Ikkunsidrat :

Illi kif tajjeb osserva l-Avukat tal-appellant fiz-zmien li gew kommessi r-reati addebitati lill-appellant l-artikolu 687 tal-Kodici Kriminali li jittratta dwar il-preskrizzjoni kien jghid biss "id-decizjonijiet li bihom tinghata kundanna ma jaqghux bil-preskrizzjoni f'ebda zmien."

Kien biss fl-1 ta' Mejju, 2002 illi dahlet in vigore emenda tal-artikolu 156 tal-Att III tat-2002 fis-sens illi "iz-zmien ta' preskrizzjoni ghal rigward ta' kull reat kriminali ghandu jkun sospiz mill-waqt li l-imputazzjoni u/jew att ta' akkuza jigu notifikati lill-persuna akkuzata jew imputata sa dak iz-zmien meta tinghata sentenza finali u definittiva fil-procediment li jkunu mbdew bhala rizultat ta' dik l-imputazzjoni."

Kwindi avolja l-kaz ikun mar *"Sine Die"* f'dan it-terminu l-preskrizzjoni ikun sospiz sakemm tigi finalment deciza l-kawza, pero kif tajjeb osserva l-appellant din l-emenda m'ghandhix tapplika fil-kaz tieghu peress illi l-akkuza tirrisali ghas-sena 2001 u cioe' qabel ma dahlet in vigore l-emenda fuq imsemmija. Dana abbazi tal-principju illi l-imputat ghandu dejjem jibbenefika mill-ligi l-aktar favorevoli ghalih.

Ikkunsidrat :

M'huwiex kontestat illi l-perjodu preskrittiv applikabbli ghall-akkuzi migjuba kontra l-appellant ghaddew favur tieghu.

L-Avukat Generali jargumenta biss illi l-kawza twalet ghaliex l-imputat ma setghax jigi rintraccat. Pero' minn nahha l-ohra ma rrizultax li l-imputat siefer minn dawn il-

Gzejjer jew b'xi mod inheba w ghalhekk il-perjodu preskrittiv ghadda favur tieghu.

Il-kwistjoni kienet jekk dan il-perjodu preskrittiv kellux japplika fil-kaz tal-appellant jew le.

Ikkunsidrat :

Ma hemmx dubju li bl-emendi introdotti bl-Att III tal-2002 fuq imsemmija, ma japplikawx ghal kaz tal-appellant peress illi l-akkuzi jirrisalu qabel ma dahlet in vigore dik il-ligi.

F'Awissu tat-2001 kien biss l-artikolu 687 tal-Kodici Kriminali li kien jittratta l-kwistjoni tal-preskrizzjoni, f'liema kaz kienu d-decizzjonijiet biss illi ma jaqghux bil-preskrizzjoni f'ebda zmien.  Ma jghix xejn dwar il-procedimenti.

Ghalhekk f'dan il-kaz il-Qorti jidhrilha illi l-appellant ghandu ragun u l-akkuzi kellhom ikunu dikjarati preskritti, pero' jigi osservat illi l-appellant irregistra ammissjoni dak inhar ta' l-ahhar dehra tat-18 ta' Gunju 2009 u kien abbazi ta' din l-ammissjoni illi l-Qorti tat is-sentenza taghha.

Fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Martin Camilleri" deciza mill-qorti tal-Appell Kriminali fl-20 ta' Jannar 1995 il-Qorti qalet :
*" fuq ammissjoni ta' l-imputat, Qorti ma tistax hlief tghaddi ghall-kundanna tieghu, a meno che ma jirrizultax li l-imputat ma jkunx fehem in-natura ta' l-imputazzjoni, jew li ma kienitx l-intenzjoni tieghu li hu hati ta' dik l-imputazzjoni, jew li fuq il-fatti minnu ammessi l-Qorti ma setghetx skond il-ligi tikkundannah, cioe' ssibu hati ta' reat."*

Hija din l-ahhar parti ta' din is-sentenza illi japplika ghal dan il-kaz.

Ikkunsidrat :

Huwa ben saput illi eccezzjoni ta' preskrizzjoni tista' titqajjem fi kwalunkwe stadju u fil-kaz ta' ligijiet penali tista' titqajjem *ex officio* mill-Qorti.

Kuntrarjament ghal dak li jigri fic-Civil fejn il-Qorti ma tistax tiehu inizjattivi f'dan ir-rigward.

Minkejja d-decizjoni tal-Ewwel Qorti l-appellant ghandu dritt illi jqajjem din l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni fi stadju tal-appell, kif fil-fatt ghamel u din il-Qorti thoss illi l-argument tal-appellant huwa wiehed korrett u jimmerita illi jkun milqugh.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' w tiddeciedi illi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra l-appellant bhala preskritti u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------